**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 399/ 2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sylvana Briffa**

**Spettur John Spiteri**

**Spettur Paula Ciantar**

**Vs**

**Jackson Micallef**

Illum is-27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jackson Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 436185(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-23 ta' Ottubru, 2015 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data:

i. bil-qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanzi jkunu jistgħu l'quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, u cioe' kontra PC 446 Joseph Mifsud, bil-ħsieb li b'hekk din l-istess persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

ii. Fl-istess lok, data u ċirkostanzi, uża xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li ġie fornut għalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu meħtieġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew

apparat ta' kommunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss;

iii. Fl-istess lok, data u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta, liema sentenza saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru, 2018 li wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 104(1) u 110(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, sabet l-imputat ħati tal-ewwel akkuża, filwaqt li lliberatu mit-tieni akkuża, u kkundannatu piena ta' tlett snin priġunerija.

Inoltre bl applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' €1,180.00 rappreżentanti spejjeż peritali.

Illi fid-dawl tal-provi li ġew prodotti, l-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana l-każ jeżistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikoli 104(1) u 110(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, u dan senjament fil-konfront ta' Eugene Cutajar Forte.

Il-Qorti ordnat li kopja tax-xhieda tal-imputat u ta' Eugene Cutajar Forte mogħtija f'dawn il-proċeduri flimkien mas-sentenza jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

Rat ir-rikors tal-appellant Jackson Micallef, ppreżentat fil-24 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lill-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, u dana billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, ossia dik a tenur tal-artikolu 48(d) tal-Kap 399 u tħassarha in kwantu sabet lill-appellant ħati a tenur tal-artikoli 49, 104(1) u 110(1) tal-Kodiċi Kriminali u tiddikjarah mhux ħati ta' dawn iċċitati artikoli u konsegwentement tilliberah minn kull piena fuqu hekk imposta u sussidjarjament fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-

sentenza appellata tvarjaha in kwantu l-piena b'dana billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat:***

Illi l-appellant qiegħed preliminarjament jikkontesta l-validita' tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu lil pulizija meta gie interrogat u dan in vista tal-fatt illi fiż-żmien meta dawn ittieħdu, huwa ma kellux il-fakolta' illi jkollu avukat preżenti miegħu matul l-interrogazzjoni. Fit-tieni lok ġjaladarba l-istqarrijiet jitqiesu inammissibbli, l-appellant huwa tal-fehma illi ma hemm ebda prova oħra dwar l-aspett materjali jew formali tar-reat imfassal fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, għal liema reat huwa gie misjub ħati. Finalment u *in subsiduum*, jisħaq illi l-piena mposta fuqu hija eċċessiva, kemm fin-natura taghha kif ukoll fil-*quantum* taghha, apparti illi l-ispejjeż li hu ġie kkundannat iħallas jikkonċernaw spejjeż inkorsi matul l-*in genere* li konsegwentement ma jrrendux l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali applikabbli fil-konfront tiegħu.

Illi fid-dawl tal-aggravji kif ppostulati, l-Qorti necessarjament trid tiddetermina qabel xejn l-ilment imqanqal mill-appellant marbut mal-valur probatorju ta'l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lil pulizija meta gie arrestat u dan ghaliex fil-fehma tieghu dawn huma inammissibbli billi gew mehuda meta huwa ma kellux prezenti mieghu l-konsulent legali tieghu sabiex b'hekk sehhet vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Illi l-appellant irrilaxxja zewg stqarrijiet u dan fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2015 rispettivament. Qabel ma gie interrogat huwa inghata l-jedd jikkonsulta privatament ma'l-avukat tal-fiducja tieghu, izda dan il-jedd huwa rrifjuta li jezercita. L-appellant jishaq illi ghalkemm moghti l-jedd li jiehu parir minn ghand avukat qabel gie interrogat, manadankollu ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat prezenti mieghu matul it-tehid tal-istqarrija u dan ghalkemm illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh ghal Kodici Kriminali permezz tal-Att LI tal-2016 gie tramandat fil-legislazzjoni taghna dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew.

Illi ghalkemm illum allura il-ligi regghet giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Illi mhux biss izda illum il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterji godda li jridu jigu determinanti sabiex jitqies jekk stqarrija rilaxxjata minn persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat u li ma jkollhiex avukat prezenti maghha waqt l-interrogatorju hijiex vjolattiva tal-jedd taghha ghal smiegh xieraq. Illi dan l-insenjament gie imfassal l-ewwel mill-Qorti Ewropeja fid-decizjoni *Philippe Beuze vs Belgium* (71409/10) deciza mill-*Grand Chamber* fid-09 ta' Novembru 2018, segwieta minn ohrajn fuq l-istess linja, fosthom *Doyle vs Ireland* u ohra li laqtghet direttament lil pajjizna *Farrugia vs Malta*, fejn dawn regghu qallbu il-kriterji imfassla fid-decizjoni ta' *Salduz* u ohrajn meta l-Qorti Ewropeja regghet addottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jigi mistharreg jekk sehhitx xi lezjoni ghad-dritt tas-smigh xieraq u ukoll jekk kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu ghac-cahda tal-ezercizzju ghal dan il-jedd.

Allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li

tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dan il-pronunzjament kull kaz irid jitqies ghalih u cioe' allura billi jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.

Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi *a priori* illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha, dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi lill-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':

" *1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*

*2. the overall fairness of the proceedings"*

> ***150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):***
>
> ***(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;***
>
> ***(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;***

***(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;***

***(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***

***(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***

***(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***

***(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***

***(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***

***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***

***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice[1].***

L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza *Farrugia vs Malta* fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:

***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'[2].***

Illi applikati dawn il-principji gurisprudenzjali ghal kaz in dizamina u ezaminati l-atti tal-kaz, jirrizulta qabel xejn illi l-appellant fl-ebda stadju tal-

[1] Decizoni Bueze vs il-Belgju

[2] Farrugia vs Malta, deċiża nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma attakka l-valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati. Mhux biss, izda debitament assistit mill-konsulent legali tieghu l-appellant irrinunzja ghad-dritt tieghu ghas-silenzju quddiem l-Ewwel Qorti u ha l-pedana tax-xhieda meta huwa allura jispjega dak li sehh, ghalkemm fix-xiehda tieghu jistqarr illi huwa gideb f'dawn l-istqarrijiet ghax ighid li kien imbezza', ghalkemm kien gie moghti il-jedd jiehu parir minn avukat u irrifjuta dan id-dritt.[3] Huwa biss issa fi stadju ta' revizjoni allura illi l-appellant jillanja li l-istqarrijiet huma inammissibbli bhala prova in atti.

Illi l-appellant kellu l-eta' ta' tletin (30) sena meta rrilaxxja l-istqarrijiet in kwistjoni. Jidher ukoll li kellu preċedenti penali marbuta ma' serq kommess fis-sena 2009 u allura din ma kinitx l-ewwel darba illi l-appellant ġie arrestat u nterrogat. Fix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti jisħaq illi hu kien fis-sakra dakinhar meta irrilaxxja l-istqarrija apparti li kien għaddej minn perijodu kemmxejn diffiċli f'hajjtu. Jallega wkoll illi hu ħassu 'pressured' mill-pulizija sabiex iwieġeb għall-istqarrija bil-mod kif hu filfatt wieġeb illi huwa differenti minn dak illi xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Dan maghdud, madanakollu, jidher minn qari ta' dawn l-istqarrijiet illi l-appellant kien ko-erenti fit-twegibiet tieghu tant illi wiegeb fid-dettall u fejn dehrlu li kellu jiċħad filfatt ċaħad filwaqt illi fejn ried jelabora jidher li hu għamel hekk minn jeddu. Fil-fatt l-Ewwel Qorti tikkonkludi hekk fir-rigward:

> **"It-twegibiet tieghu huma konsistenti u jwiegeb precizament ghal kull domanda li saritlu b'intelligenza biex ma jitfa' ebda dell fuq Gino Cutajar Forte."**

Illi *di piu'* l-appellant irrilaxxja żewġ stqarrijiet fejn allura hu seta' jbiddel jew iżid ma' dak minnu mistqarr fl-ewwel stqarrija, matul it-tieni stqarrija. Mhux biss, izda, kif inghad, huwa għażel illi jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkontesta partijiet mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu. Jingħad fuq kollox illi kien hemm provi oħra li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, fosthom ir-rapport tal-espert Martin Bajada, ix-xiehda tal-vittma u ta' Eugenio Cutajar Forte w ukoll it-testimonjanza tal-appellant stess illi jitfgħu dawl fuq ir-

[3] Ara folio 7 tal-atti proċesswali.

responsabbilta' tiegħu o meno fir-rigward ta' l-istess imputazzjoni fejn hu ma jeskludix li kkometta l-att materjali tar-reat iżda jishaq illi l-element formali kien nieqes billi jimplika l-involviment ta' terza persuna u cioe' ta' Cutajar. Fuq kollox izda l-Ewwel Qorti stess fid-decjizoni taghha tistqarr hekk:

> **"Mill-bqija jigi ribadit li l-istess stqarrijiet ma kellhom ebda piz fid-decizjoni ta' din il-Qorti li striehet ghal kollox fuq xhieda mismugha quddiemha u provi separati u distinti mill-istqarrijiet kif inghad."**

Illi magħdud dan kollu l-Qorti hija tal-fehma illi ma hemm ebda mottiv li jista' igieghlha tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant lura fis-sena 2015 u dan ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

***Ikkunsidrat:***

Illi fl-aggravju l-iehor minnu ntentat l-appellant jikkontendi illi ma jissussistux l-elementi tar-reat imfassla fl-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali u cioe' 'l hekk imsejjah kalunnja ndiretta bl-awtur tar-reat johloq tracci materjali li jwasslu sabiex persuna innocenti tigi addebitata bil-kummissjoni ta' delitt. Illi ghal dan il-ghan il-Qorti fliet l-atti processwali sabiex tqies jekk id-dikjarazzjoni ta' htija maghmula mill-Ewwel Qorti hijiex wahda siewja kemm legalment kif ukoll raġjonevolment.

Illi jirrizulta mill-atti illi l-appellant kien ikkomunika mal-parti leza Joseph Mifsud, fuq is-sit elettroniku *Grindr* fejn kien qed jippoza bhala guvni ta' sbatax-il sena. Dawn il-konverżazzjonijiet kellhom konotazzjonijiet ta' natura sesswali. Jidher illi l-appellant kien fetah iktar minn *chat* wahda ma' dan Mifsud u f'xi wahda minn dawn il-konversazzjonijet dan Mifsud, fuq stedina tal-appellant, kien sahansitra bghattlu ritratt tal-parti privata tiegħu. Mifsud dak iz-zmien kien membru fil-korp tal-pulizija stazzjonat gewwa l-ghassa ta' San Giljan. Illi jirrizulta mir-rapport tal-espert Martin Bajada illi l-appellant nizzel ritratti ohra ta' terza persuna mhux magħrufa minn fuq is-sit tal-*Facebook* sabiex dan jippreżenta profil fittizju lil Mifsud waqt dawn il-

konversazzjonijiet. L-appellant żamm dawn ir-ritratti u *chats* fuq ic-cellulari tiegħu, fejn fil-fatt gew misjuba mill-espert bl-istess ritratti, profil fittizju u konversazzjonijiet kif ukoll ir-ritratt inkriminatorju tal-virga maskili esposta ta' Mifsud jigu ikkuppjati fuq il-kompjuter ta'l-appellant li wara poġġiehom fuq *pendrive* liema *pendrive* l-appellant mbaghad għadda lil Gino Cutajar Forte, allegatament fuq struzzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar. Dan Cutajar Forte, li kien konoxxenza ta' Mifsud, sussegwentment ghadda din il-*pendrive* lil pulizija fejn hemmhekk infethet inkjesta magisterjali fil-konfront ta' Mifsud u giet imnehdija investigazzjoni fil-konfront tieghu fuq allegat attivitajiet ta' natura sesswali ma' tfal ta' taht l-eta'.

Illi jibda biex jinghad illi meta l-appellant ippoza bhala guvni ta'l-eta" ta' sbatax-il sena fil-konversazzjonijiet spinti li kellu ma' Mifsud fuq il-*Grindr* huwa kien qed jaghmel dan bl-intenzjoni unika li jipprova jdaħħal lil Mifsud f'nasba, u li meta ghamel dan hu ma kienx imġiegħel ghalkemm isostni li kien istigat minn Cutajar Forte. Jidher illi ftit ta' zmien qabel dan l-akkadut dan Cutajar Forte fil-fatt kellu disgwid ma' Mifsud u dan wassal ghal din il-vicenda kriminali. Huwa ndubitat ukoll illi l-appellant kien habib ma' Cutajar Forte u kienu jiltaqghu ta' kuljum u allura huwa ghal kollox inverosimili meta l-appellant ighid illi meta ghadda din il-*pendrive* lil Cutajar Forte b' materjal iffabbrikat minnu, huwa ma kienx jaf x'uzu ser jaghmel dan Cutajar Forte b'din il-*pendrive*. Fil-fatt l-appellant stess finalment jammetti illi kien miftiehem ma' dan Cutajar Forte dwar l-uzu li kien ser isir minn din il-*pendrive*, bl-appellant iqieghdha go *envelope* u Cutajar Forte jinserixxi karta bid-dettalji ta'l-pulizija Mifsud u wara dan l-*envelope* jithalla minn Cutajar Forte personalment gewwa l-ufficcji tal-Ministeru ghall-Intern sabiex jigu mghoddija lil pulizija.

Illi imbaghad mix-xhieda tal-appellant stess, huwa evidenti illi l-appellant u Gino Cutajar Forte kienu filfatt mifthemin dwar dak li kellu jseħħ u l-Qorti temmen ukoll illi a differenza ta' dak li qed jipprova jisħaq l-appellant, hu kien jaf x'kien ser isir mill-*pendrive* li hu għadda lil Gino Cutajar Forte. L-appellant fuq kollox kien strumentali sabiex dan ir-reat seta' jirnexxi fejn hu seta'

faċilment irrifjuta dak li kien qed jitolbu jagħmel Gino Cutajar, izda minflok ghazel li jkun kompartecipi f'din il-konfoffa intiza sabiex tinkrimina lil Mifsud, li kien jokkupa l-kariga ta' ufficjal tal-pulizija, f'reat kriminali. Illi kien l-appellant allura li ffabrika din l-evidenza falza u ghaddieha lil Cutajar Forte, li minn naha tieghu ghaddieha lil pulizija. Fil-fatt wara li din l-evidenza ffabbrikata giet mghoddija lil pulizija, Cutajar Forte informa lill-appellant illi dak li kellhom f'mohhom li jaghmlu kien irnexxa.

Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza in materja iccitata mill-Ewwel Qorti u tqies illi l-appellant ma jistax jikkonvinci lil din il-Qorti, kif lanqas ikkonvinca lill-Ewwel Qorti qabilha, illi l-element formali fil-kummissjoni ta' dan ir-reat minn naha tieghu huwa nieqes. Indubbjament, kif inghad, kien l-appellant li kkometta l-att materjali li wassal ghad-denunzja tar-reat kontra l-parti leza, izda dan l-att materjali gie minnu kommess ben konsapevoli ta' dak li kien ser isir bil-fabrikazzjoni tal-evidenza minn naha tieghu. Kif inghad ma hux verosimili illi hu ma kienx a konoxxenza ta' dak li kien ser jaghmel bil-*pendrive*, Cutajar Forte meta ghaddihielu. Kwindi fil-fehma tal-Qorti l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ppruvata u ma tarax illi hemm ebda mottiv li tista' iggieghlha titbieghed mill-apprezzament approfondit li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha. Ghal dawn il-motivi anke dan it-tieni aggravju qed jigi michud.

***Ikkunsidrat:***

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata ta' tlett snin prigunerija u l-hlas tal-ispejjez peritali, li fil-fehma tal-appellant hija waħda sbilanċjata u nġusta.

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar l-ispejjeż, l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

533.(1) **Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio**, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, **inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta**[4], f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.' (sottolinjar tal-Qorti)

Issa ghalkemm huwa minnu illi Dr. Martin Bajada bhala l-uniku espert involut f'dan il-kaz kien gie mahtur f'inkjesta magisterjali marbuta ma' investigazzjoni dwar attivita sesswali ta' tfal ta' taht l-eta li fiha allegatament kien involut Joseph Mifsud, madanakollu r-rapport tieghu gie sussegwentementipprezentat fl-atti ta' din il-kawza bid-difiza sahansitra fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, wara li jigi ipprezentat r-rapport, titlob lil Qorti sabiex l-espert jezamina fil-fond id-Dokument MB13. Il-Qorti, ghalhekk regghet hatret lil Dr. Martin Bajada sabiex ikompli bl-indagini tieghu u inoltre fil-verbal tas-seduta tal-05 ta' Lulju 2016, id-difiza, bi qbil mal-Prosekuzzjoni, ddikjaraw illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal hatra tieghu. Kwindi huwa indubitat illi l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' dan l-espert u li l-appellant gie ikkundannat ihallas huma kollha marbuta mal-mertu ta' dan il-kaz u kwindi l-aggravju qed jigi rigettat.

Illi għal dak li jirrigwarda n-natura u l-*quantum* tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija, jinghad qabel xejn illi l-piena tinsab fil-parametri tal-ligi u cioe' dik ikkontemplata fl-artikolu 104 tal-Kodici Kriminali li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 110(1) li hija dik tal-prigunerija bejn sentejn u hames snin.

Illi ghalkemm huwa minnu dak li tikkontendi l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet minnha maghmula dwar il-piena illi l-agir tal-appellant seta' wassal sabiex persuna innocenti u b'kariga ta' ufficjal tal-pulizija jispicca implikat f'agir kriminali intortament u ghalkemm huwa minnu ukoll illi kien l-appellant li ffabrika l-evidenza falza li wasslet ghall-arrest tal-parti leza,

[4] Emfażi tal-Qorti.

madanakollu huwa evidenti illi l-appellant ma kienx wahdu wara din il-vicenda kriminali izda kien gie istigat jaghmel dan minn terza persuna li l-Ewwel Qorti stess ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija fis-sentenza appellata sabiex jipprocedi kontra tieghu. Kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi hemm lok ghal mitigazzjoni fil-piena tenut kont ukoll tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant mhijiex xi wahda allarmanti, b’zewg kundanni marbuta ma’ vjolazzjonijiet tat-traffiku u l-ohra l-aktar serja marbuta ma’ serq ta’ telefon cellulari li madanakollu tirrisali ghas-sena 2009. Il-Qorti tqies ghalhekk illi l-appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jaghraf jitbieghed mill-kriminalita’.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-appell in parte. Tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant gie illiberat mit-tieni mputazzjoni u fejn gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, iżda tvajra l-piena inflitta, tghaddi ghalhekk biex tikkundanna lill-appellant ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan it-terminu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum. Tikkonferma is-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Tordna komunika tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi skont kif hemm indikat fis-sentenza appellata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur